| PRFPO for CM 15/3/16 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Purchase Request** | **Purchase Order** | **Name** | **Item** | **Price Euro** |
| 6742 | 6933 | Vince Ironmongery | 6 kartun, bolds u locknuts | 6.12 |
| 6743 | 6934 | Daniel Cutajar | bulk refuse collection for Jan 16 | 761.80 |
| 6744 | 6935 | Keith Camilleri | hire of truck to carry decorations on 8/1/16 | 40.00 |
| 6745 | 6936 | Big Beeper | zebgha wine, 2 rollers kbar | 31.70 |
| 6746 | 6937 | C.S.D. Office Trade | 1 pkt A3 paper, large clips, transparent tape, tab files, yellow carton, plain envelopes, paper clips, blue biros, pencils, A4 yellow paper, folding clips, archive boxes | 183.55 |
| 6747 | 6938 | Ray's Jewellery | 9 silver medals | 450.00 |
| 6748 | 6939 | Cooltek Services | Gree airconditioner 24,000 BTU for Fgura library | 967.60 |
| 6749 | 6940 | SM Contractors Ltd | re asphalt repair re dangerous dip near Tip Top roundabout - material and labour | 1164.43 |
| 6750 | 6941 | Antoine Axiaq | xoghol biex jinksew 2 spralli bix-xibka fejn l-HSBC u Wesgha Reggie Miller | 850.00 |
| 6751 | 6942 | Augusto Cardinali | inv re muzika, recording u arrangament ta' silta muzikali re progett Kunsill Lokali Zghazagh | 240.00 |
| 6752 | 6943 | Corazon Mizzi | re servizz ta' kantanta ghall-progett Kunsill Lokali Zghazagh Fgura | 150.00 |
| 6753 | 6944 | Lee Borg | re servizz ta' kantant ghall-progett Kunsill Lokali Zghazagh Fgura | 120.00 |
| 6754 | 6945 | Censu Fenech | servizz ta' skultur ghall-progett Kunsill Lokali Zghazagh Fgura | 800.00 |
| 6755 | 6946 | Arry Ent Ltd | diesel IBL985 | 40.00 |
| 6756 | 6947 | Mario Micallef - Radju Malta | 1 spot x 60 sec before the 8am news and another spot before the 12pm news on Radju Malta | 61.36 |
| 6757 | 6948 | The Fotografer Ltd | activity on Wednesday 30/3/16 at Bastion Str Fgura (near school) 5pm - 5.45pm | 141.60 |
| 6758 | 6949 | Kummussjoni Festa Esterna | advert A5 fil-ktieb tal-Gimgha l-Kbira | 150.00 |
| 6759 | 6950 | B Grima & Sons Ltd | 5 road marking paint yellow and 5 road marking paint white, 1 thinner | 741.25 |
| 6760 | 6951 | Jerome Peplow | repairs to two front doors at Library and Council's Office | 140.00 |
| 6761 | 6952 | Gino Buhagiar | hire of 50 chairs + transport | 41.30 |
| 6762 | 6953 | Gutenberg Press Ltd | 4200 copies of magazine Mill-Kunsill no 20 2 pages A3 folded in colour including design | 882.00 |
| 6763 | 6954 | Best print Co Ltd | 600 Fgura Pageant booklets size A5 - 8 pages in colour and 16 pages black | 357.00 |
| 6764 | 6955 | Nexos Lighting | booking no B03961 - 65" full HD Led Smart Tv c/w stand Dell XPS L501 x Laptop, audio system c/w 2 x speakers on stands mixer x 2 hand held mics and laptop connection, transport/setup/dismantle video operator | 436.10 |
| 6765 | 6956 | A Piscopo | 2 pkt water small, 2 pkt Coca Cola, 2 pkt Sprite large, 1 pkt Kinnie, 1 pkt Fanta, 1 pkt x 100 small plastic glasses | 49.25 |
| 6766 | 6957 | Scan | HP Colour Laser Jet Pro MFP M477 Fnw network/wireless Print/scan/copy/fax | 488.00 |
| 6767 | 6958 | Style Computer Services | software service on new laptop | 29.50 |
| 6768 | 6959 | Godwin's Garage | 1 day hire of scissors lift on 4/3/16 | 531.00 |
| 6769 | 6960 | Kenneth Hardware Stores | jigger hire on Friday 4/3/16 | 19.00 |
| 6770 | 6961 | Arry Ent Ltd | diesel IBL985 | 40.00 |
| 6771 | 6962 | The Fotografer Ltd | 4 x 5 inch transparency - Ritratt tad-Duluri tal-Fgura | 53.10 |
| 6772 | 6963 | Mailbox Group | door to door distribution of 4200 copies of Mill-Kunsill no 20 to all Fgura households | 89.07 |
| 6773 | 6964 | Daniel Cutajar | bulk refuse collection for Feb 16 | 780.00 |
| 6775 | 6966 | Microchip Computers | service on site -paper jam in printer | 28.00 |
| 6776 | 6967 | C.S.D. Office Trade | 2 pkts A4 paper | 6.26 |
| 6777 | 6968 | The Malta Records | rekord Nazzjonali tal-ikbar sigra tal-Milied bl-akbar ammont ta' dawl li saret fi zmien il-Milied 2015 | 200.00 |
| | | | | |

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data 17/2/16 sa 8/3/16**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan- Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Arms Ltd | €22.18 | €22.18 | D | PF | inv 21715107 re a/c 101000181497 re basement and club PPRG Fgura from 2/1/16-3/2/16 | 16/02/16 | 21715107 | nil | nil | 2131-2130-2141 | 10512 |
| 2 | Arms Ltd | €92.61 | €92.61 | D | PF | inv 21715106 re a/c 101000032943 re public garden PPRG Fgura for period 2/1/16-3/2/16 | 16/02/16 | 21715106 | nil | nil | 2131-2130 | 10513 |
| 3 | Commissioner of Inland Revenue | €2,612.20 | €2,612.20 | D | PF | NI and tax for Feb 16 | 26/02/16 | nil | nil | nil | ** | 10514 |
| 4 | Self | €116.76 | €116.76 | D | PF | petty cash reimbursement for Feb 16 | nil | nil | nil | nil | * | 10515 |
| 5 | Onorarja tas-Sindku | €677.56 | €677.56 | D | PF | Mayor's Honoraria Feb 16 | nil | nil | nil | nil | 1100 | DC |
| 6 | Segretarju Ezekuttiv Skala 5 | €1,912.14 | €1,912.14 | D | PF | payroll Feb 16 | nil | nil | nil | nil | 1201-1601 | DC |
| 7 | Impjegata Skala 11 | €1,236.12 | €1,236.12 | D | PF | payroll Feb 16 | nil | nil | nil | nil | 1204-1703 | DC |
| 8 | Impjegat Skema CIES | €644.04 | €644.04 | D | PF | payroll Feb 16 | nil | nil | nil | nil | 1206 | DC |
| 9 | Impjegata part time skala 13 | €540.21 | €540.21 | D | PF | payroll Feb 16 | nil | nil | nil | nil | 1205 | DC |
| 10 | Impjegata Skala 10 | €1,384.56 | €1,384.56 | D | PF | payroll Feb 16 | nil | nil | nil | nil | 1202-1701 | DC |
| 11 | Impjegata Skala 15 | €817.45 | €817.45 | D | PF | payroll Feb 16 | nil | nil | nil | nil | 1209 | DC |
| 12 | The Malta Records | €200.00 | €200.00 | D | PF | inv 23207 - re rekord Nazzjonali tal-ikbar sigra tal-Milied bl-akbar ammont ta' dawl li saret fi zmien il-Milied 2015 | 05/02/16 | 23207 | 6777 | 6968 | 3360 | 10516 |
| 13 | Melita plc | €45.00 | €45.00 | D | PF | inv 102711875 - internet business for March 16 | 01/03/16 | 102711875 | nil | nil | 2150 | 10517 |
| 14 | Arms Ltd | €43.84 | €43.84 | D | PF | inv 21741791 re a/c 101000137237 re 66 Triq Karmnu Fgura for period 5/12/15 - 6/2/16 | 22/02/16 | 21741791 | nil | nil | 2131-2141 | 10518 |
| 15 | Ozone Ltd | €79.60 | €79.60 | D | PF | inv 118424 - re Smart pack on 21664000 March 16 and Feb 16 call charges | 29/02/16 | 118424 | nil | nil | 2150-2160 | 10519 |
| 16 | Wasteserv Malta Ltd | €3,243.59 | €2,297.12 | D | PF | inv 062767, 062813 - disposing of waste at Ghallis Engineered Landfill and Sant Antnin recycling plant on 3, 2, 9, 7, 4,6,8,11,13,14,15 January 2016 | 01/02/16 | 062767-062813 | nil | nil | 3040 | 10520 |
| 17 | Permanent Secretary, Ministry for Justice, Culture and Local Government | €40.00 | €40.00 | D | PF | advert in The Times of Malta on 25/2/16 | 24/02/16 | nil | nil | nil | 2940 | 10521 |
| 18 | Nexos Street Lighting | €1,909.13 | €1,909.13 | T | PF | inv 2010955 - replacement of broken globes at PPRG and floodlights at playing field | 05/03/16 | 2010955 | nil | nil | 3065 | 10522 |
| 19 | Hompesch Stationery | €102.60 | €102.60 | D | PF | inv 2986920 - newspapers Feb 16 | 01/03/16 | 2986920 | nil | nil | 2670 | 10523 |
| 20 | Catherine Sammut | €226.44 | €226.44 | K | PF | inv 33 - maid service for Feb 16 | 29/02/16 | 33 | nil | nil | 3055 | 10524 |
| | **Sub Total c/f** | **€15,946.03** | **€14,999.56** | **no 3 ** - 1202,1204,1201,1100,1206,1205,1209,1506,1502,1504,1501,1509** | | | | | | | | |
| | **Total** | **€15,946.03** | **€14,999.56** | **no 4 * - 2220, 2200,3340,2610,2650,2620,2940,2600,3690,** | | | | | | | | |

IFFIRMATA

Dr Byron Camilleri - Sindku

IFFIRMATA

Christopher Cutajar - Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA

Ryan Ellul -Proponent

IFFIRMATA

Ray Deguara - Sekondant

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** Data 17/2/16 sa 8/3/16

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan- Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | PC Options Ltd | €488.00 | €488.00 | D | PF | inv IWI 5214 - HP colour laser jet Pro M477fnw network | 02/03/16 | IWI5214 | 6766 | 6957 | 2600 | 10525 |
| 22 | Microchip Computers | €28.00 | €28.00 | D | PF | inv 226065 - service on site re paper jam in printer | 24/02/16 | 226065 | 6775 | 6966 | 2330 | 10526 |
| 23 | Arry Ent Ltd | €240.00 | €240.00 | D | PF | diesel IBL 986 on 16/2/16, 25/1/16, 6/1/16,1/12/15, 17/11/15, 3/11/15 | 16/2/16-25/1/16-6/1/16-1/12/15-17/11/15, 3/11/15 | nil | 6755-6726-6708-6677-6655-6640 | 6946-6917-6899-6868-6846-6829 | 2750 | 10527 |
| 24 | Daniel Cutajar | €780.00 | €780.00 | D | PF | inv 21 - bulk refuse collection for Feb 16 | 26/02/16 | 21 | 6773 | 6964 | 3042 | 10528 |
| 25 | Jerome Peplow | €140.00 | €140.00 | D | PF | inv re repairs to two front doors at library and Fgura Local Council's office | nil | nil | 6760 | 6951 | 2330 | 10529 |
| 26 | Style Computer Services | €29.50 | €29.50 | D | PF | inv 1516 - software services | 24/02/16 | 1516 | 6767 | 6958 | 2620 | 10530 |
| 27 | Antonio Piscopo Co Ltd | €49.25 | €49.25 | D | PF | inv 21291979 - 2 pkts mineral water, 2 pkts Coca Cola, 2 pkts Sprite, 1 pkt Kinnie, 1 pkt Fanta, 100 small plastic glasses re activity 30/3/16 | 02/03/16 | 21291979 | 6765 | 6956 | 3360 | 10531 |
| 28 | Smart Technologies Ltd | €885.00 | €885.00 | K | PF | inv 17082 - camera streaming for 2016 | 25/02/16 | 17082 | nil | nil | 3111 | 10532 |
| 29 | Allied Newspapers | €60.30 | €60.30 | D | PF | inv AS1611653 - advert in The Times of Malta on 23/2/16 re Annual Locality Meeting | 29/02/16 | AS1611653 | 6739 | 6930 | 2940 | 10533 |
| 30 | Nazzareno Farrugia | €249.75 | €249.75 | D | PF | inv 74 - re librarian services for Feb 16 | 02/03/16 | 74 | nil | nil | 3067 | 10534 |
| 31 | Marlene Gerada | €317.25 | €317.25 | D | PF | inv 74 - re librarian services for Feb 16 | 02/03/16 | 74 | nil | nil | 3067 | 10535 |
| 32 | B Grima & Sons Ltd | €1,396.15 | €1,396.15 | T | PF | inv 10005478, 10005445, 10005513 - yellow & white road marking paint & thinner | 12/2/16-11/2/16-24/2/16 | 10005478-10005445-10005513 | 6602-6736-6759 | 6790-6927-6950 | 2371 | 10536 |
| 33 | Kenneth Hardware Stores | €19.00 | €19.00 | D | PF | inv I-S716 - jigger hire | 04/03/16 | I-S716 | 6769 | 6960 | 3020 | 10537 |
| 34 | Intercomp Marketing Ltd | €93.59 | €93.59 | K | PF | inv T223647 - copy count Feb 16 | 29/02/16 | T223647 | nil | nil | 2631 | 10538 |
| 35 | datatrak IT Services | €9.37 | €9.37 | D | PF | inv 1011395 - pre regional tickets paid in Feb 16 | 29/02/16 | 1011395 | nil | nil | 3610 | 10539 |
| 36 | Media Link Communications Company Limited | €68.44 | €68.44 | D | PF | inv 060505 - advert fin-Nazzjon ta' 23/2/16 re Laqgha Annwali tal-Lokalita' | 29/02/16 | 60505 | 6738 | 6929 | 2940 | 10540 |
| 37 | Union Print Ltd | €68.91 | €68.91 | D | PF | inv AI013477 re advert fl-Orizzont ta' 23/2/16 re Laqgha Annwali tal-Lokalita' | 29/02/16 | AI013477 | 6737 | 6928 | 2940 | 10541 |
| 38 | The Foto Grafer Ltd | €53.10 | €53.10 | D | PF | inv SIN 143239 - 4 x 5 inch transparency - ritratt tad-Duluri tal-Fgura | 03/03/16 | SIN143239 | 6771 | 6962 | 3001 | 10542 |
| 39 | WM Environmental Ltd | €1,306.25 | €1,306.25 | T | PF | inv 015 - cleaning of maintenance of soft areas Feb 16 | 01/03/16 | 15 | nil | nil | 3062 | 10543 |
| 40 | WM Environmental Ltd | €2,525.41 | €2,525.41 | T | PF | inv 021 - street sweeping services for Feb 16 | 01/03/16 | 21 | nil | nil | 3051 | 10544 |
| | **Sub Total c/f** | **€8,807.27** | **€8,807.27** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€15,946.03** | **€14,999.56** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€24,753.30** | **€23,806.83** | | | | | | | | | |

IFFIRMATA

Dr Byron Camilleri -Sindku

IFFIRMATA

Christopher Cutajar-Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA

Ryan Ellul - Proponent

IFFIRMATA

Ray Deguara - Sekondant

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data:** Data 17/2/16 sa 8/3/16

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan- Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | R & A Waste Services Ltd | €4,440.35 | €4,440.35 | T | PF | inv 9439 - Collection of waste for Feb 16 | 29/02/16 | 9439 | nil | nil | 3041 | 10545 |
| 42 | Annalise Farrugia | €34.37 | €34.37 | T | PF | inv 12090 - re contract manager fee re work on soft areas for Feb 16 | 08/03/16 | 12090 | nil | nil | 3059 | 10546 |
| 43 | Annalise Farrugia | €66.45 | €66.45 | T | PF | inv 12089- re contract manager fee re street sweeping for Feb 16 | 08/03/16 | 12089 | nil | nil | 3059 | 10547 |
| 44 | Annalise Farrugia | €116.85 | €116.85 | T | PF | inv 12091 - re contract manager fee re collection of waste for Feb 16 | 08/03/16 | 12091 | nil | nil | 3059 | 10548 |
| 45 | C.S.D. Office Trade | €6.26 | €6.26 | D | PF | inv 57134 - 2 pkts photocopy paper | 04/03/16 | 57134 | 6776 | 6967 | 2620 | 10549 |
| 46 | Joseph Gialanze | €1,747.03 | €1,747.03 | D | PF | re rent for office Dar il-Kunsill Triq il-Karmnu Fgura from 1/4/16-30/9/16 | nil | nil | nil | nil | 2400 | 10550 |
| 47 | Frans Mamo | €596.48 | €596.48 | D | PF | refund of 8 days unutilised permit in Triq il-Karmelitani c/w Triq Liedna | nil | nil | nil | nil | 6 | 10551 |
| 48 | Nexos Street Lighting | €1,767.71 | €1,767.71 | T | PF | inv 2010937 - street lighting repairs | 05/03/16 | 2010937 | nil | nil | 3065 | 10552 |
| 49 | | | | | | | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| 51 | | | | | | | | | | | | |
| 52 | | | | | | | | | | | | |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€8,775.50** | **€8,775.50** |
| **Sub Total b/f** | **€24,753.30** | **€23,806.83** |
| **Total** | **€33,528.80** | **€32,582.33** |

IFFIRMATA

Dr Byron Camilleri - Sindku

IFFIRMATA

Christopher Cutajar - Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

IFFIRMATA

Ryan Ellul -Proponent

IFFIRMATA

Ray Deguara - Sekondant

25.02.16

# Laqgħa tal-Lokalita’ 2016

Kunsillieri Preżenti: Sindku – Dr. B Camilleri
Viċi Sindku - Is-Sur P Dalli
Is-Sur R Deguara

Żewġ residenti kienu preżenti għal din il-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet fis-18:00.

Is-Sindku wera r-ringrazzjament tal-Kunsill lir-residenti li attendew, filwaqt li preżenta l-aġenda għal din il-laqgħa.

1. **Rapport ta’ Ħidma 2015**

   Is-Sindku preżenta r-Rapport ta’ Ħidma 2015, anness bħala ‘DOK A’.

2. **Budget 2016**

   Is-Sindku staqsa lir-residenti preżenti jekk kienx hemm xi oġġezzjoni fir-rigward tal-Budget 2016. L-ebda resident ma wera nuqqas ta’ approvazzjoni f’dan ir-rigward.

3. **Ilmenti / Suġġerimenti / Mistoqsijiet**

   Ma kien hemm ebda mistoqsijiet, ilmenti jew mistoqsijiet min-naħa tar-residenti preżenti.

Il-laqgħa ntemmet fis-18:10.

**IFFIRMATA**

Christopher Cutajar

Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Il-Fgura

**Kunsill Lokali - Il-Fgura**

# Rapport ta' Ħidma 2015

Il-Werrej


1.0 Il-Kunsill… 2

1.1 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill… 2

1.2 Ambaxxatur Vot 16… 2

2.0 Il-Ħidma tal-Kunsill… 2

2.1 Ilmenti u Suġġerimenti… 3

2.2 Kuntatt… 3

2.3 Xogħol ieħor… 4

2.4 Jum il-Fgura… 4

2.5 Xogħolijiet Infrastrutturali… 4

2.6 Live Streaming… 4

2.7 Milied… 4

2.8 Żieda ta' parkeġġi… 5

3.0 Konklużjoni… 5

## 1.0 Il-Kunsill

Il-Kunsill Lokali tal-Fgura, raħal b'popolazzjoni ta' madwar 12,000 huwa magħmul minn disa' kunsillieri eletti. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, kienet immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza ta' erba' impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju.

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Kumitati/Sotto Kumitati, bil-għan li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjani tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali. Il-Kumitat tal-Finanzi, u s-Sotto Kumitati għall-Immaniġġjar u s-Senjalazzjoni tat-traffiku flimkien ma' dak tal-Uffiċċji Amministrattivi, jitlaqqgħu perjodikament għal dan l-iskop.

Il-Kunsill elett matul din il-leġiżlatura beda jopera b'effett mill-1 ta' April, 2013. Din il-leġiżlatura hija pjanata li jkollha terminu ta' sitt snin, jiġifieri sas-sena 2019, bħala parti minn proċess li se jġib it-terminu ta' leġiżlatura, dak ta' ħames snin għal kull Kunsill Lokali.

### 1.1 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill.

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2015 nżammu 14-il laqgħa li tnejn minnhom kienu b'urġenza. L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt:

| Kunsillieri | Laqgħat | Preżenti | Skużat | Assenti | % * |
|---|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku Byron Camilleri | 14 | 14 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Viċi Sindku Pierre Dalli | 14 | 13 | 1 | 0 | 93% |
| Il-Kunsillier Charles Bonello | 14 | 14 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Ray Deguara | 14 | 14 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsilliera Ryan Ellul | 14 | 10 | 4 | 0 | 71% |
| Il-Kunsillier Mark Lombardo | 14 | 14 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Jesmond Zammit | 14 | 10 | 3 | 1 | 71% |
| Il-Kunsillier Rene Zammit | 14 | 5 | 9 | 0 | 36% |
| Il-Kunsillier Saviour Camilleri | 14 | 13 | 1 | 0 | 93% |

* Persentaġġ maħdum fuq il-laqgħat li għalihom il-Kunsillier kien preżenti

### 1.2 Ambaxxatur Vot 16

Is-Sur Ryan Attard attenda u ppparteċipa b'mod regolari għal-laqgħat tal-Kunsill, mingħajr id-dritt tal-vot, matul din is-sena tul il-perjodu Jannar sa Settembru. Huwa ma setgħax ikompli jservi f'din il-kariga peress li għalaq l-eta' ta' 18-il sena. Minkejja l-fatt li saru tentattivi biex żgħażagħ jitħajru jieħdu din il-kariga, sa għeluq is-sena ma kienet għadha nstabet ebda persuna biex tassumi dan l-irwol.

## 2.0 Il-Ħidma tal-Kunsill

Matul is-sena kalendarja 2015 saru **14-il laqgħa tal-Kunsill**, li jinkludu żewġ laqgħat li saru b'urġenza. Matul dawn il-laqgħat ġew imressqa **275 mozzjoni**.

Intbagħtu mat-**3,375 ittra** u korrispondenza oħra, filwaqt li ġew iproċessati mal-**2240 permessi** dwar xogħlijiet varji fil-lokal. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, *scaffoldings*, attivitajiet, tqegħid ta' skips u tħaffir ta' toroq. Kwalunkwe' ċittadin għandu l-faċilita' li jiġbor diversi applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

### 2.1 Ilmenti u Suġġerimenti

Matul is-sena 2015, il-Kunsill irċieva **2119 Ilment u 548 Suġġeriment**. 82% tal-ilmenti ġew magħluqa, filwaqt li 18% baqgħu ma ġewx solvuti sal-aħħar tas-sena 2015. Dawn il-figuri jixhdu li l-Kunsill jirreġistra bir-reqqa kull ilment li jasallu, għalkemm ikun selettiv fir-reġistrazzjoni ta' ilmenti anonimi. Din is-sistema tgħin lill-Kunsill biex ikun iktar kontabbli fir-rigward tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista' jżomm kontroll tal-ilmenti li jkunu għadhom pendenti.

Il-parti l-kbira tal-ilmenti ġew magħluqa permezz ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-Industrial Projects and Services Ltd. (IPSL). Din it-tabella turi dawn il-figuri msemmija fir-rigward tal-ilmenti u s-suġġerimenti għas-sena 2015.

| | **Ilmenti** | Persentaġġ | **Suġġerimenti** | Persentaġġ | |
|---|---|---|---|---|---|
| Magħluqa | 1724 | 82% | 450 | 83% | Magħluqa |
| Pendenti | 395 | 18% | 98 | 17% | Pendenti |
| Total | 2119 | 100% | 548 | 100% | Total |

### 2.2 Kuntatt

Bil-għan li jinżamm kuntatt mar-residenti, l-Kunsill ippubblika ħarġa tal-fuljett intitolat 'Mill-Kunsill'. Permezz ta' dan, il-Kunsill provda informazzjoni dwar l-attivitajiet relatati mal-festi tal-Ġimgħa l-Kbira. Saret ukoll konsultazzjoni mar-residenti dwar soluzzjonijiet li jkunu jistgħu jinstabu f'diversi mkejjen madwar il-lokalita', fosthom Konsultazzjoni dwar l-Immaniġġjar ta' Traffiku fiż-żona ta' Triq Baldessare Lengi ma' Triq Romano Carapecchia u anke dwar tqegħid ta' mirja u *sleeping policemen*.

Il-Kuntatt mar-residenti kompla jinżamm ħaj permezz ta' **ħames ħarġiet** li saru bi skop kulturali, rikreattiv jew edukattiv, hekk kif deskritt fil-lista segwenti:

a. 24/4/15 - Mitħna tax-Xarolla, iż-Żurrieq
b. 22/5/15 – Montekristo Zoo, Ħal Luqa
c. 20/8/15 - Dawra bil-*ferry boat* fil-Port ta' Marsamxett u l-Port il-Kbir
d. 14/10/15 - Forti Sant'Iermu, Il-Belt Valletta
e. 12/12/15 - Bethlehem f'Għajnsielem, Għawdex

Saru tal-anqas 103 laqgħat li organizza l-Kunsill jew kien parteċipi fihom. Dawn kienu jinkludu laqgħat; tas-Sindki u l-Viċi Sindki; ma' Transport Malta, Laqgħat Reġjonali – Reġjun Xlokk, Kunsill Konsultattiv Nofsinhar ta' Malta, mal-Greenpak, mal-Perit u l-Accountant tal-Kunsill, mal-Inġinier tal-Uffiċini l-Ġodda, mal-Iskola Primarja, Proġett Darba Waħda, mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, mal-Onor Leo Brincat, mal-Onor Owen Bonnici, mal-Onor Stefan Buontempo, mal-Onor Michael Falzon, mal-Onor Joe Mizzi, mal-Onor Chris Agius, mal-Park tal-Familja f'M'Skala u ma' diversi kuntratturi u entitajiet oħra.

### 2.3 Xogħol ieħor

(a) Il-Kunsill irċieva 4 talbiet ta' twaħħil ta' **lampi ġodda**, fejn tlieta minnhom ġew imwettqa u waħda oħra ma saritx għaliex il-Korporazzjoni Enemalta ħasset li t-talba ma kienetx ġustifikata.

(b) Ġewwa l-*Clubhouse* fi Pjazza Patri Redent Gauci, kull nhar ta' Ħamis, baqgħet tingħata l-faċilita' ta' *Free Help Outlet* fejn ħwejjeġ li jkunu għadhom tajbin jingħataw b'xejn minn donaturi, u dawk li jkollhom bżonn il-ħwejjeġ ikunu jistgħu jagħżlu minnhom u jieħduhom b'xejn. Din l-ideja ħadmet u l-konkorrenza hija tajba kemm minn dawk li joffru l-ħwejjeġ u anke minn dawk li jiksbuhom.

(c) Ġew organizzati Korsijiet Edukattivi fit-tagħlim tal-kompjuter permezz ta' *Robotics 1, Robotics 2* u *Digital Literacy*. Il-Kunsill inkoraġġixxa l-Eżerċizzju fiżiku permezz tal-Erobika għal dawk li għandhom piż żejjed, b'kollaborazzjoni mad-Diviżjoni għall-Promozzjoni tas-Saħħa.

(d) Intlaqgħu 3598 talba mir-residenti biex jinġabar Skart Goff (**Bulky Refuse**) minn wara l-bibien tad-djar residenzjali. Dan ifisser tnaqqis ta' 71 talba (1.93%) fuq is-sena 2014, meta t-talbiet biex jinġabar tali skart ammontaw għal 3669.

(e) Kien hemm 754 residenti li ħadu l-**vaċċin tal-influenza**. Dan immarka żieda ta' 45 persuna li wżaw dan is-servizz meta pparagunat mas-sena ta' qabel. Fl-2014 kien hemm 709 persuna li ħadu dan il-vaċċin.

(f) Intefqu €666.54 f'kotba, sabiex il-**librerija** li tinsab biswit l-iskola Primarja tibqa' tkun mgħammra b'kotba li jqanqlu interess għal diversi kategoriji ta' qarrejja. Intefqu wkoll €82.60 f'manutenzjoni għal-librerija. Matul din is-sena ngħata emfażi li jiżdiedu l-ħinijiet li fihom tkun miftuħa l-librerija. Jidher li minħabba l-fatt li fis-sena 2014 kienet ingħatat emfażi fuq it-tiġdid tal-kotba u anke biż-żieda fil-ħinijiet tal-ftuħ, skont l-aħħar statistika maħruġa, is-self tal-kotba mil-librerija pubblika Gaetu Grech qiegħed jiżdied.

(g) Il-Kunsill għen ukoll fil-**formazzjoni edukattiva** tal-istudenti minn kulleġġi differenti bil-għan li jesperjenzaw u jitgħallmu dwar il-ħidma tal-Kunsill. Student mill-Universita' ta' Malta ġie mgħejun fir-riċerka. Student tal-MCAST li ntalab jagħmel xogħol volontarju, għamel dan fil-librerija pubblika. Persuna li intalbet tagħmel kors ta' taħriġ u esperjenza ta' xogħol mill-ETC, għamlet perjodu sitt ġimgħat ta' esperjenza fil-Kunsill.

## 2.4 Jum il-Fgura

Fis-sena 2015, Jum il-Fgura sar Nhar il-Ħadd 18 ta' Ottubru, 2015, fejn sar korteo bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet tal-Fgura, minn Triq Hompesch lejn il-Knisja Parrokkjali fejn ġiet iċċelebrata l-quddiesa ta' Radd il-Ħajr. Wara, f'Wesgħa Reggie Miller saru l-preżentazzjonijiet tal-midalji ta' Ħajr il-Fgura lis-Sur Ryan Attard, is-Sur Alfred Monreal, is-Sur Brian Grech, is-Sinjorina Naomi Axisa u s-Sinjorina Charlene Magro. Fl-aħħar ġiet imtella' il-bandiera tal-lokalita'. Għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet onoratna bil-preżenza tagħha l-Eċċelenza Tagħha l-President tar-Repubblika ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca li attendiet kemm għall-quddiesa kif ukoll għaċ-ċerimonja qasira li saret wara f'Wesgħa Reggie Miller, li matulha għamlu interventi qosra kemm is-Sindku u anke l-Eċċellenza Tagħha il-President tar-Repubblika.

## 2.5 Xogħolijiet Infrastrutturali

Saru partijiet ta' bankini mill-ġdid (jew modifikazzjoni) fi Triq il-Velleran, Triq is-Summiena, Triq San Elija, Triq Ġorġ Stevens, Triq Fredu Abela, Triq l-14 ta' Diċembru, Triq il-Falkunier, Triq Hompesch, Triq Vincenzo Maculano, Triq San Ġwann, Triq l-Iskola, Triq Merħba, Triq G Matteotti, Triq Ward tax-Xemx, Triq Liedna u Triq Kampanella.

Matul din is-sena ġie maħtur Inġinier sabiex isir pjan kif se jgħaddu servizzi bħalma huma l-elettriku, l-ilma, l-arja kkundizzjonata, sistemi ta' allarm f'każi ta' ħruq jew serq, kif ukoll sistemi ta' aċċess regolat fil-binja u pannelli li jiġġeneraw l-elettriku mix-xemx. Sal-aħħar tas-sena il-Kunsill kellu rapport fil-pussess tiegħu li permezz tiegħu seta' jagħraf aħjar x'inhuma l-iktar sistemi li jagħtu valur għall-flus sabiex meta s-sistemi jkunu qed jitħaddmu dawn jikkonsmaw mill-inqas dawl u elettriku u joffru s-servizz meħtieġ.

## 2.6 Live Streaming

Il-Kunsill baqa' jxandar il-laqgħat tiegħu permezz tal-internet. Ix-xandir tal-Laqgħat tal-Kunsill huwa aċċessibbli permezz ta' dawn il-*links*:

- http://fguracam1.click2stream.com/
- http://fguracam2.click2stream.com/

## 2.7 Milied

Bħas-snin ta' qabel il-Kunsill reġa' rama' Triq Hompesch u Triq Żabbar b'dekorazzjonijiet tal-Milied għal xahar sħiħ bejn is-6 ta' Diċembru 2015 u s-6 ta' Jannar 2016. Il-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Festa Esterna kompla jżid dan l-armar permezz ta' siġra tal-Milied bi struttura tal-ħadid fir-*roundabout* ta' Wesgħa Kunsill tal-Ewropa. Din is-siġra hija għolja 14.12-il metru, b'bażi forma ta' skorfina li ġġib dijametru ta' 7.92 metri. Din is-siġra tal-Milied intlaqgħet

b'mod tajjeb mill-kommunita' tal-Fgura u l-istruttura tagħha kienet magħmula soda biżżejjed b'tali mod li l-elementi bħar-riħ u x-xita ma jservux ta' ħsara għaliha.

### 2.8 Żieda ta' Parkeġġi

Il-Kunsill nieda konsultazzjoni mar-residenti tal-Fgura li saret kemm permezz tal-midja soċjali u anke permezz tal-fuljett li nħareġ f'Marzu 2015 li kien imqassam f'kull dar. Kienu bosta s-suġġerimenti li waslu għand il-Kunsill bil-għan li jkunu miżjuda l-parkeġġi. Permezz ta' din il-ħidma, bil-kollaborazzjoni tar-residenti nfushom, il-Kunsill irnexxilu joħloq 31 spazju ta' parkeġġ ġdid.

Barra minn hekk il-Kunsill ħa ħsieb li jorganizza l-parkeġġi bil-għan li f'ċertu żoni l-karozzi jitqassmu aħjar u b'hekk ikun hemm iktar wisa' fejn jiġu pparkjati l-vetturi. Dan sar fi Triq Żabbar u Triq Hompesch bejn Triq Riħan u Triq is- Sur, kif ukoll fi Triq Valperga bejn Triq Ġorġ Stevens u Triq Cospicua.

### 3.0 Konklużjoni

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lill-impjegati u lill-ħaddiema tal-Kunsill, tal-kollaborazzjoni tagħhom, għaliex dan ix-xogħol kollu maħsub u pjanat mill-Kunsill seta' jitwettaq biss permezz tal-ħidma tagħhom.

## IFFIRMATA

Christopher Cutajar
Segretarju Eżekuttiv